MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1377/2003

**Is-socjeta' General Distributors Limited**

**Vs**

**Mark Briffa**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm497.91c (erba' mija u sebgha u disghin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu) rappresentanti bilanc ta' somma akbar, ghal diversi konsenji ta' merca konsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut fid-"Discount Store" tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-……………. li kkonferma/t li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm497.91c (erba' mija u sebgha u disghin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------